# L-Emofilja fi stampi



# It-tieni parti

## Kif għandek tassisti u timmaniġġja l-emorraġija

L-emofilja fi stampi

*© World Federation of Hemophilia, 2005*

*Oriġinarjament, din il-pubblikazzjoni kienet ippubblikata bl-Ingliż mill-World Federation of Hemophilia (WFH) u ġiet trodotta bil-permess.*

*Id-WFH mhix responsabbli għal din it-traduzzjoni jew għal żbalji jew tibdil fil-kontenut minn dak li jidher fl-edizzjoni oriġinali bl-Ingliż.*

*Din il-pubblikazzjoni hija waħda minn sensiela ta' kapitli. Id-WFH tinkoraġġixxi lill-qarrejja biex jikkonsultaw mal-kapitli kollha f'din il-pubblikazzjoni.*

*Din il-pubblikazzjoni ġiet trodotta u stampata mill-Malta Bleeding Disorders Society, 2021.*

MBDS MALTA BLEEDING DISORDERS SOCIETY

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# It-tieni parti: Kif għandek tassisti u timmaniġja l-emorraġija?

- X'inhuma s-sintomi komuni tal-emofilja?
- X'jikkawża l-emorraġija fil-ġog?
- X'jiġri meta jkun hemm emorraġija fil-ġog?
- Liema emorraġija fil-ġog hi l-aktar komuni?
- Liema huma l-effetti fit-tul ta' emorraġija fil-ġog?
- X'jikkawża emorraġija fil-muskoli?
- X'jiġri meta jkollok emorraġija fil-muskoli?
- Liema emorraġija fil-muskolu hi l-aktar komuni?
- Liema huma l-effetti fit-tul ta' emorraġija fil-muskolu?
- Liema emorraġiji huma serji u ta' theddida għall-ħajja?


© World Federation of Hemophilia

# X'inhuma s-sintomi komuni tal-emofilja?

- Fl–emofilja, l–emorraġija tista' tkun ikkawżata f'kull parti tal–ġisem. Xi drabi tkun evidenti waqt li drabi oħra ma tkunx.
- L–emorraġija tista' sseħħ wara xi korriment jew operazzjoni. Jista' jkun ukoll li ma jkun hemm l–ebda raġuni għaliha. Din tissejjaħ emorraġija spontanja.
- L–emorraġija hi rari fi trabi li jbatu bl–emofilja, imma jista' joħroġilhom id–demm għal perjodu twil wara ċirkonċizzjoni.
- Meta t–trabi jitilqu jimxu jibdew jitbenġlu malajr. Apparti hekk, joħroġilhom aktar demm mis–soltu wara xi korriment, speċjalment fil–ħalq u fl–ilsien.
- Aktar ma jikbru t–tfal, l–emorraġija komuni ssir aktar spontanja. Din taffettwa l–ġogi u l–muskoli.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia









WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# X'jikkawża emorraġija fil-ġog?

- Il–post fejn jiltaqgħu żewġ għadmiet jissejjaġ ġog. It–truf tal–għadam huwa miksi b'wiċċ lixx li jissejjaħ cartilage.

- L–għadam hu magħqud flimkien b'kapsula tal–ġog. Il–kapsula tal–ġog hija miksija bis–sinovju li għandu ħafna kapillari (kanali żgħar tad–demm). Din toħloq likwidu żejtni u jiżloq li jgħin biex il–ġog jimxi b'mod aktar faċli.

- Jekk ikun hemm ħsara fil–kapillari tas–sinovju, dawn jibdew joħorġu d–demm. Ħafna drabi, ma jkunx hemm raġuni ċara għal dan id–demm, speċjalment f'emofilja severa. F'persuna li ma tbatix bl–emofilja, is–sistema tat–tagħqid tad–demm tgħin biex l–emorraġija tieqaf malajr. Mill–banda l–oħra, fl–emofilja l–emorraġija tibqa' għaddejja. Din tikkawża nefħa fil–ġog li twassal għal uġigħ fil–ġog.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia




WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

# X'jiġri meta jkun hemm emorraġija fil-ġog?

- Persuna bl–emofilja tkun taf li beda ħiereġ id–demm fil–ġog għax dan jinħass iniggeż u jaħraq.
- Kif id–demm jimla l–kapsula, il–ġog jintefaħ, jibbies u jibda juġgħek biex iċċaqalqu.
- Eventwalment, il–pressa fuq in–nefħa twaqqaf id–demm mingħajr l–ebda trattament. Aktar tard, ċelloli speċjali jneħħu ħafna mid–demm 'il barra mill–ġog.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia



Tbaqbiq

Tnemnin

Sħana



Nefħa

Uġigħ

Sħana



Mgħaddar

Minfugħ

Ħela tal-muskoli

Ebusija ta’ filgħodu

Uġigħ kroniku

Limitazzjoni fil-moviment

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Liema emorraġija fil-ġog hi l-aktar komuni?

- L–emorraġija fil–ġog hi l–aktar komuni li tiġri fl–għekiesi, fl–irkopptejn u fil–minkbejn.
- Jista' jkun hemm emorraġija f'ġogi oħra bħas–swaba', l–ispallejn u l–ġenbejn.
- Normalment, il–ġogi fl–idejn ma jiġux affettwati ħlief wara xi korriment.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Liema huma l-effetti fit-tul ta' emorraġija fil-ġog?

- Emorraġija repetuta fil–ġog tikkawża s–sinovju (l–kisja tal–kapsula tal–ġog) biex jintefaħ u joħroġ id–demm aktar malajr.
- Xi demm jibqa' fil–ġog wara kull darba li jkun hemm emorraġija. Is–sinovju ma jibqax jipproduċi dak il–likwidu żejtni u jiżloq li jgħin il–ġog biex jiċċaqlaq.
- Dan jikkawża ħsara fuq il–cartilage lixx li jiksi t–truf tal–għadam. Il–ġog jibbies, jibda juġgħek biex tmexxih u ma jibqax stabbli. Inaqqas aktar mill–istabbiltà tiegħu meta l–muskoli ta' madwar il–ġog jibdew jiddgħajfu.
- Mal–ħin, ħafna mill–cartilage jibda jitkisser u xi għadam ma jibqax hemm. Xi drabi tkun diffiċli biex isir moviment fil–ġog. Dan il–proċess kollu jissejjaħ l–artrite tal–emofilja.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia







WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# X'jikkawża emorraġija fil-muskoli?

- Emorraġija fil–muskolu tiġri meta jkun hemm korriment fil–kapillari tal–muskolu.
- Xi drabi jkun hemm raġuni għala jiġri hekk, imma l–emorraġija tista' sseħħ ukoll għall–ebda raġuni.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia







WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# X’jiġri meta jkollok emorraġija fil-muskoli?

- Waqt li jkun ħiereġ id–demm, il–muskolu jinħass iebes u juġgħek meta tmissu.
- L–emorraġija tikkawża nefħa li tkun sħuna u tuġgħek. Jekk l– emorraġija tkun viċin tal–ġilda jista’ jidher it–tbenġil.
- F’xi muskoli li jkunu aktar fil–fond, in–nefħa tista’ tagħfas fuq in–nervituri u l–arterji, u tikkawża tnemnim.
- Il–muskolu jibbies biex jipproteġi lilu nnifsu. Dan jissejjaħ spażmu fil–muskolu. Bħala riżultat, il–ġogi li s–soltu jiċċaqalqu b’dak il–muskolu ma jiċċaqalqux tajjeb.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia



WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Liema emorraġija fil-muskoli hi l-aktar komuni?

- Emorraġija fil–muskolu tista' sseħħ fil–pexxun, fil–koxxa, u fil–parti ta' fuq tal–id.
- Emorraġija fil–psoas muscle (fuq quddiem tal–ġenb) u l–muskoli tad–driegħ hija komuni wkoll. Din tista' tkun ta' pressjoni fuq in–nervituri u l–arterji, u tikkawża ħsara permanenti.
- Emorraġija fil–muskoli tal–idejn hi rari u ħafna drabi tiġri wara xi korriment.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia





WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia

# Liema huma l-effetti fit-tul ta' emorraġija fil-muskoli?

- Wara emorraġija repetuta, il–muskoli jistgħu jiddgħajfu, ikollhom ċikatriċi, u jiġu iqsar min–normal (xi drabi permanenti). Ma jkunux jistgħu jipproteġu aktar lill–ġog.
- Il–ġogi ta' fuq u ta' taħt il–muskolu ma jkunux jistgħu jiċċaqalqu kif suppost. Jaf joħroġilhom demm aktar mis–soltu.
- Jekk waqt emorraġija fil–muskolu jkun hemm ħsara fuq in–nervituri, il–muskolu jista' jiddgħajjef jew jipparalizza ruħu.
- Ħsara permanenti fil–ġogi, muskoli u nerivuturi taffettwa l–mod kif persuna tpoġġi, tqum u timxi.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia







WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Liema emorraġiji huma serji u ta' theddida għall-ħajja?

- Emorraġija fir-ras (li ħafna drabi tkun riżultat ta' korriment) hija l-kawża ewlenija ta' mewt fl-emofilja, speċjalment fit-tfal. Emorraġija fir-ras tista' tikkawża wġigħ ta' ras, dardir, rimettar, ngħas, konfużjoni, tferfix fl-azzjonijiet, dgħufija, fits u nuqqas ta' koxjenza.
- Emorraġija fil-griżmejn tista' tirriżulta minn infezzjoni, korriment, injezzjonijiet dentali jew kirurġija. Emorraġija fil-griżmejn tikkawża nefħa, kif ukoll diffikultà biex tibla' u tieħu nifs.
- Telf kbir ta' demm huwa ta' theddida għall-ħajja. Din mhix komuni fl-emofilja ħlief wara li jkun hemm korriment jew meta tkun relatata ma' kundizzjoni medika oħra.
- Emorraġija oħra tista' tkun serja ħafna, imma ħafna drabi ma tkunx ta' theddida għall-ħajja bħal Emorraġija fl-għajnejn, fl-ispina u fil-psoas muscle.
- Demm fil-pipi huwa komuni f'emofilja severa imma rari jkun ta' periklu.

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia





WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
FEDERACI6N MUNDW. DE HEMOFILIA

© World Federation of Hemophilia